MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Numru 1109/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**RODERICK GALEA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Galea ta' 27 sena, imwieled tal-Pieta' nhar it-18 ta' Settembru, 1977, bin John u Rita nee' Scicluna, residenti fil-fond numru 5, Sqaq Marina, Alley 2, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 482977 (M) ;

Akkuzat talli matul ix-xahar ta'Lulju, tas-sena 2004 sal-24 ta' Novembru, 2004, fil-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

jisksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

Immanifattura jew ipproduca apparat mhux lecitu ghall-finijiet kummercjali;

U aktar talli importa apparat mhux lecitu gewwa Malta ghall-finijiet kummercjali;

U aktar talli qassam apparat mhux lecitu gewwa Malta ghall-finijiet kummercjali;

U aktar talli biegh jew kera apparat mhux lecitu ghall-finijiet kummerjcali;

U aktar talli kellu apparat mhux lecitu ghall-finijiet kummercjali;

U aktar talli installa, ghamel manutenzjoni fuq, jew irrimpjazza apparat mhux lecitu ghall-finijiet kummercjali;

U aktar talli kummercjalment ippromwova, qieghed fis-suq jew irreklama apparat mhux lecitu;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ha pussess ta’ xi *data software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom;

U aktar talli installa, nehha jew biddel, ikkancella, qered, varja je zied ma’ xi *data software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg

U aktar talli uza il-kodici ta’ dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’*computer*.

Rat il-verbal tal-lum;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif indikati, liema ammmissjoni giet ikkonfermata minn wara li nghata zmien skond il-Ligi;

Rat l-Artikolu 27(2)(a)(b)(c)(d)(e)(f) u (g) tal-Kapitolu 399, u 377c(1)(f)(g)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief it-tieni akkuza ta' importazzjoni, mill-liema akkuza qed jigi liberat, u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm100.00 (mitt lira maltin).

Tordna li l-*computer* jigi ritornat lill-imputat *ai termini* tal-verbal tal-lum, wara li l-espert tal-Qorti Martin Bajada ikun hassar kull *data* minn fuq il-*hard disk* tal-istess.

Tordna d-distruzzjoni tal-kumplament tal-apparat issekwestrat mill-pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------